# DIKJARAZZJONIJIET U STQARRIJIET KONĠUNTI MILL-PARTIJIET KONTRAENTI PREŻENTI U MILL-PARTIJIET KONTRAENTI ĠODDA GĦALL-FTEHIM

# DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
# DWAR IR-RATIFIKA F'WAQTHA
# TAL-FTEHIM DWAR IL-PARTEĊIPAZZJONI
# TAR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA U TAR-RUMANIJA
# FIŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

Il-Partijiet Kontraenti Preżenti u l-Partijiet Kontraenti Ġodda jisħqu fuq l-importanza ta' ratifika jew approvazzjoni f'waqtha tal-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea mill-Partijiet Kontraenti Preżenti u mill-Partijiet Kontraenti Ġodda skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom biex ikun assigurat il-funzjonament tajjeb taż-Żona Ekonomika Ewropea.

# DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
# DWAR ID-DATA TA’ SKADENZA
# TA’ L-ARRANĠAMENTI TRANŻITORJI

L-arrangamenti tranżitorji tat-Trattat ta’ Adeżjoni għandhom jiddaħħlu fil-Ftehim taż-ŻEE u għandhom jiskadu fl-istess data li fiha kienu jiskadu li kieku t-tkabbir ta’ l-Unjoni Ewropea u taż-ŻEE seħħ simultanjament fl-1 ta’ Jannar 2007.

# DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
# DWAR L-APPLIKAZZJONI
# TAR-REGOLI TA' ORIĠINI WARA D-DĦUL FIS-SEĦĦ
# TAL-FTEHIM DWAR IL-PARTEĊIPAZZJONI
# TAR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA U TAR-RUMANIJA
# FIŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

1. Prova ta' oriġini maħruġa kif imiss minn Stat ta' l-EFTA jew minn Parti Kontraenti Ġdida fil-kwadru ta' ftehim preferenzjali konkluż bejn l-Istati ta' l-EFTA u l-Parti Kontraenti l-Ġdida jew fil-kwadru ta' leġiżlazzjoni nazzjonali unilaterali ta' Stat ta' l-EFTA jew ta' Parti Kontraenti Ġdida għandha titqies bħala prova ta' oriġini preferenzjali taż-ŻEE, sakemm:

   (a) il-prova ta' oriġini u d-dokumenti ta' trasport ma jkunux inħarġu iktar tard mill-jum qabel l-adeżjoni tal-Parti Kontraenti l-Ġdida ma' l-Unjoni Ewropea;

   (b) il-prova ta' oriġini tintbagħat lill-awtoritajiet doganali fi żmien erba' xhur mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

Fejn merkanzija kienet iddikjarata għal importazzjoni minn Stat ta' l-EFTA jew minn Parti Kontraenti Ġdida f'Parti Kontraenti Ġdida jew fi Stat ta' l-EFTA, rispettivament, qabel id-data ta' l-adeżjoni tal-Parti Kontraenti Ġdida ma' l-Unjoni Ewropea, skond arranġamenti preferenzjali fis-seħħ f'dak iż-żmien bejn Stat ta' l-EFTA u Parti Kontraenti Ġdida, prova ta' oriġini maħruġa retrospettivament skond dawk l-arranġamenti tista' wkoll tiġi aċċettata fl-Istati ta' l-EFTA jew fil-Partijiet Kontraenti Ġodda sakemm din tkun ippreżentata lill-awtoritajiet doganali fi żmien erba' xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

2. L-Istati ta' l-EFTA, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, min-naħa l-oħra, huma awtorizzati jżommu l-awtorizzazzjonijiet li permezz tagħhom ingħata l-istat ta' "esportaturi approvati" fil-kwadru ta' ftehim konklużi bejn l-Istati ta' l-EFTA, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija jew ir-Rumanija, min-naħa l-oħra, sakemm l-esportaturi approvati japplikaw ir-regoli ta' oriġini taż-ŻEE.

Dawn l-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu sostitwiti mill-Istati ta' l-EFTA u mir-Repubblika tal-Bulgarija u mir-Rumanija, sa mhux iktar tard minn sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, permezz ta' awtorizzazzjonijiet ġodda maħruġa skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Protokoll 4 għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

3. Talbiet biex wara ssir il-verifika tal-prova ta' oriġini maħruġa skond il-ftehim u arranġamenti preferenzjali msemmija fil-paragrafi 1 u 2 hawn fuq għandhom ikunu aċċettati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati ta' l-EFTA u mill-Partijiet Kontraenti Ġodda għal perjodu ta' tliet snin wara l-ħruġ tal-prova ta' oriġini msemmija u jistgħu isiru minn dawk l-awtoritajiet għal perjodu ta' tliet snin wara aċċettazzjoni tal-prova ta' oriġini.

# DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
# DWAR KUMMERĊ FI PRODOTTI AGRIKOLI U
# FI PRODOTTI AGRIKOLI PPROĊESSATI.

1. Fil-kuntest tan-negozjati għat-tkabbir taż-ŻEE, saru konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet Kontraenti Preżenti u l-Partijiet Kontraenti Ġodda biex tkun eżaminata l-ħtieġa li jkunu aġġustati l-konċessjonijiet kummerċjali bilaterali għal prodotti agrikoli u għal prodotti agrikoli pproċessati fil-partijiet rilevanti tal-Ftehim taż-ŻEE jew fil-ftehim bilaterali rilevanti bejn il-Komunità Ewropea u l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, rispettivament, fid-dawl tat-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea.

2. Il-Partijiet Kontraenti Preżenti u l-Partijiet Kontraenti Ġodda eżaminaw prodott bi prodott il-kondizzjonijiet ta' aċċess għas-suq u qablu li ebda konċessjoni kummerċjali addizzjonali fir-rigward ta' prodotti agrikoli jew prodotti agrikoli pproċessati m'għandha tiżdied ma' kull ftehim eżistenti fil-kuntest tat-tkabbir.

3. Il-Partijiet Kontraenti Preżenti u l-Partijiet Kontraenti Ġodda qablu li l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja m'għandu jkollhom ebda pretensjoni jew m'għandhom jagħmlu ebda talba jew referenza jew m'għandhomx jimmodifikaw jew jirtiraw xi konċessjoni skond il-GATT 1994, Artikoli XXIV.6 u XXVIII dwar prodotti agrikoli li jkollhom x'jaqsmu ma' dan it-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea.

# DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
# DWAR L-ADDATAMENTI SETTORJALI TAL-LIECHTENSTEIN
# FIL-QASAM TAL-MOVIMENT LIBERU TAL-PERSUNI

Il-Partijiet Kontraenti Preżenti u l-Partijiet Kontraenti Ġodda,

– Waqt li jirreferu għall-adattamenti settorjali għal-Liechtenstein fil-qasam tal-moviment liberu tal-persuni kif introdotti bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 191/1999 u emendati mill-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka fiż-Żona Ekonomika Ewropea ta' l-14 ta' Ottubru, 2003,

– Waqt li josservaw id-domanda kontinwa u kbira li hemm minn ċittadini ta' Stati tal-KE u ta' l-EFTA għal residenza fil-Liechtenstein, li taqbeż ir-rata netta ta' immigrazzjoni stabbilita fir-reġim imsemmi hawn fuq,

– Waqt li jqisu li l-parteċipazzjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-ŻEE tirriżulta f'għadd ikbar ta' ċittadini jkollhom id-dritt li jinvokaw il-moviment liberu tal-persuni kif stabbilit fil-Ftehim taż-ŻEE,

Jaqblu li jqisu kif imiss din is-sitwazzjoni fattwali, kif ukoll il-kapaċità ta' assorbiment li ma nbidlitx tal-Liechtenstein meta jiġu biex jirrevedu l-adattamenti settorjali fl-Annessi V u VIII mal-Ftehim taż-ŻEE.

# DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
# DWAR IS-SETTURI PRIORITARJI MSEMMIJA
# FIL-PROTOKOLL 38A

Il-Partijiet Kontraenti Preżenti u l-Partijiet Kontraenti Ġodda ifakkru li mhux is-setturi prioritarji kollha kif definiti fl-Artikolu 3 tal-Protokoll 38a għandhom ikunu koperti f'kull Stat Benefiċjarju.

# DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
# DWAR IL-KONTRIBUZZJONIJIET FINANZJARJI

Il-Partijiet Kontraenti Preżenti u l-Partijiet Kontraenti Ġodda jaqblu li d-diversi arranġamenti dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja miftiehma fil-kuntest tat-tkabbir taż-ŻEE m'għandhomx jikkostitwixxu preċedent għall-perjodu wara li jiskadu fit-30 ta' April, 2009.

# DIKJARAZZJONIJIET OĦRA
# MINN PARTI KONTRAENTI WAĦDA JEW IKTAR
# GĦALL-FTEHIM

# DIKJARAZZJONI ĠENERALI KONĠUNTA TA’ L-ISTATI TA’ L-EFTA

L-Istati ta’ l-EFTA jieħdu nota tad-Dikjarazzjonijiet, li huma rilevanti għall-Ftehim taż-ŻEE, mehmużin ma’ l-Att Finali tat-Trattat bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika ta’ l-Estonja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta’ Spanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta’ Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika ta’ l-Ungerija, ir-Repubblika ta’ Malta, ir-Renju ta’ l-Olanda, ir-Repubblika ta’ l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju ta’ l-Iżvezja, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta’ l-Irlanda ta’ Fuq (Stati Membri ta’ l-Unjoni Ewropea) u r-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija, dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma’ l-Unjoni Ewropea.

L-Istati ta’ l-EFTA jenfasizzaw li d-Dikjarazzjonijiet, li huma rilevanti għall-Ftehim taż-ŻEE, mehmużin ma’ l-Att Finali tat-Trattat imsemmi fil-paragrafu preċedenti ma jistgħux ikunu interpretati jew applikati b’xi mod kuntrarju għall-obbligi tal-Partijiet Kontraenti Preżenti u tal-Partijiet Kontraenti Ġodda li jirriżultaw minn dan fil-Ftehim jew mill-Ftehim taż-ŻEE.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
MILL-ISTATI TA' L-EFTA DWAR
IL-MOVIMENT LIBERU TAL-ĦADDIEMA

L-Istati ta' l-EFTA jisħqu fuq l-elementi qawwija ta' divrenzjar u flessibilità fl-arranġamenti għall-moviment liberu tal-ħaddiema. Għandhom jimpenjaw ruħhom li jagħtu iktar aċċess għas-suq tax-xogħol lil ċittadini tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija skond id-dritt nazzjonali, bl-iskop li titħaffef l-approssimazzjoni għall-acquis. B'konsegwenza ta' dan, l-opportunitajiet ta' impjieg fil-Istati ta' l-EFTA għal ċittadini tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija għandhom jitjiebu sostanzjalment ma' l-adeżjoni ta' dawn l-Istati. Barra minn hekk, l-Istati ta' l-EFTA se jagħmlu l-aħjar użu ta' l-arranġamenti proposti biex jaslu malajr kemm jista' jkun għall-applikazzjoni sħiħa ta' l-acquis fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema. Għal-Liechtenstein, dan isir skond l-arranġamenti speċifiċi kif previst fl-Adattamenti Settorjali għall-Anness V (Moviment liberu tal-ħaddiema) u l-Anness VIII (Dritt ta' stabbiliment) għall-Ftehim taż-ŻEE.

# DIKJARAZZJONI UNILATERALI MILL-GVERN TAL-LIECHTENSTEIN DWAR L-ADDENDUM GĦALL-PROTOKOLL 38a

Il-Gvern tal-Liechtenstein,

– waqt li jirreferi għall-Addendum għall-Protokoll 38a,

– waqt li jfakkar li kien miftiehem li l-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jibbenefikaw indaqs mill-kontribuzzjonjiet ta' l-Istati ta' l-EFTA għat-tnaqqis ta' disparitajiet ekonomiċi u soċjali fiż-Żona Ekonomika Ewropea bħall-Istati Benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 5 tal-Protokoll 38a u waqt li jqis il-fattur tal-proporzjonalità msemmi f'dan l-artikolu,

– waqt li jinnota li l-Istati ta' l-EFTA għamlu sforz straordinarju fil-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE biex iżidu l-fondi favur il-Bulgarija u r-Rumanija,

jiddikjara li fil-fehma tiegħu, skond ir-reviżjoni prevista fl-Artikolu 9 tal-Protokoll 38a, kull arranġament finanzjarju ulterjuri possibbli miftiehem għandu jqis it-tnaqqis diġà miksub tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali sabiex jitnaqqsu kontribuzzjonijiet mit-tliet Stati ta' l-EFTA proporzjonatament, jekk Stat Benefiċjarju wieħed jew iktar li hemm bħalissa ma jikkwalifikax iktar għal fondi skond arranġament bħal dan.